# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 585/01GV**

**Strand Holdings Limited**

**vs**

**Accord International Destination Management Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erbat elef u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm4,027.48) rapprezentanti l-ammont dovut ghas-servizzi provduti fil-Hotel Kennedy Nova.

Premess li ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut is-socjeta' konvenuta ma hallset xejn;

Premess li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jipprezenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. B);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm4,027.48) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru presentati kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta. Bl-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**